MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 507/2011

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Caruana Aloisio k/a Aloisio James**
**ID-208577(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tmien mija tnejn u hamsin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€1,852.31c), in konnessjoni ma’ servizzi rezi (*AC 51050145*).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 493/11.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici, u cioe' Dok. A, Prospett *AC 51050145*, Dok. B, kuntratt, Dok. C, estratt registru elettorali, Dok. D, ittra ufficjali 493/11, Dok. E, taxxa in konnessjoni ma' ittra ufficjali 477/11, Dok. F, 'agreement penalty'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija tnejn u hamsin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€1,852.31c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------